Ir-Raba’ Stazzjon tal-VIA LUCIS – (kitba ta’ Tony Pace)

# IL-MULEJ IRXUXTAT JIDHER LIŻ-ŻEWĠ DIXXIPLI FIT-TRIQ LEJN EMMAWS

| | |
|---|---|
| **Jieħdu sehem:** | **dixxiplu 1, Kleofa (dixxiplu 2), Ġesù** |
| *Iż-żewġ dixxipli fi triqthom lejn Għemmaws; imnikktin u mħassbin.* | |
| **dixxiplu 1** | Tgħidli xejn, jiena għadni stordut, qalbi sewda u ma nafx x’se jiġri minna. |
| **Kleofa** | Għandek raġun, għax kulħadd hekk qed iħossu. Sa dalgħodu konna ġemgħa sħiħa miġbura d-dar ta’ Xmun. Kulħadd qisu ras maqtugħa. |
| *Jitfaċċa Ġesù; jidher li sejjer l-istess post u qiegħed ifittex kumpanija matul il-vjaġġ; huma ma jagħrfuhx.* | |
| **Ġesù** | X'intom tgħidu bejnietkom intom u mexjin? Tidhru mħassbin .... u inkwetati. Jaqaw ġralkom xi ħaġa serja ? |
| **Kleofa** | Sieħbi, milli jidher mintix minn dan-naħat hux? Għax inti biss donnok ma tafx x’ġara f'Ġerusalemm f'dawn il-jiem! |
| **dixxiplu 1** | Qed tiskantana sieħbi. Hux vera inti mintix minn dan-naħat? |
| **Ġesù** | Iva x’ġara mela? Għiduli. |
| **Kleofa** | U x’ġara !! Ġraw affarijiet koroh ħafna. Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta, Ġesù ta’ Nazaret, li ħlief ġid m’għamilx, fejjaq morda, għomja, torox .... ħeqq ..... il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur Ruman Pilatu, biex ikun ikkundannat għall-mewt. U tagħhom għaddiet ta, għax ir-Rumani kellhom isallbuh. Aħna kellna tama qawwija li Ġesù kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox .......... għalxejn qed ninkwetaw, għax ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajjiet! |
| **dixxiplu 1** | U biex żgur tkompli tagħqad, xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx! |
| **Ġesù** | Kemm intom boloh! Kemm intom tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu? Qatt ma smajtuh jgħidu dan? Mhux hemm kontu meta qal li kif Mosè għolla s-serp fuq zokk fid-deżert, hekk ukoll Bin il-Bniedem jiġi mgħolli fuq zokk biex il-bnedmin jinħelsu mid-dnubiet? |
| *Hawnhekk ikunu waslu d-dar fejn kienu sejrin id-dixxipli. Ġesù jagħmel ta’ birruħu li se jibqa’ sejjer.* | |
| **Kleofa** | Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm |
| *Ġesù jaċċetta. Jidħlu minn bieb fil-ġenb tal-altar maġġur. Tinħareġ mejda baxxa. Jidħlu Ġesù, Kleofa u dixxiplu 1 u jpoġġu madwar il-mejda .... fuq it-taraġ tal-altar. Ġesù jaqbad il-ħobż, ibierku, jaqsmu u jagħtihom jieklu.* | |

| | |
|---|---|
| *Jibdew jiskantaw .... jintebħu min hu .... jinġibdu daharhom lejh. F'dan il-Ġesù jidħol ġewwa (jisparixxi). Id-dixxipli jinħasdu meta ma jarawhx iktar.* | |
| **Kleofa** | Kemm aħna boloh. Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Kitba. Missna ndunajna mill-ewwel li kien Ġesù ! |
| **Dixxiplu 1** | Ħrabna lura lejn Ġerusalemm ħalli ngħidu lil sħabna ....... |

## Il-Mulej Irxuxtat Jidher lil Żewġ Dixxipli fit-Triq lejn Emmaus

*(Luqa 24: 13 – 27).*



*Dak in-nhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara.  Huma u jitħaddtu u jistħarrġu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.  U hu qalilhom: "X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexjin?" U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom.  Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?"  "X'ġara?" staqsiehom Ġesù.  Qalulu: "Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh.  Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!  Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj.  Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!"  Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti!  U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?"  U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.*

*(Luqa 24: 28 – 35).*

*Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod.  Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm."  Mbagħad daħal biex joqgħod magħhom.  U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom.  Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom.  U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?"  Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm.  Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!"  U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.*